# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019**

**Numru 6**

**Rikors numru 155/19**

**Digi B Network Limited (C 35571)**

**v.**

**L-Awtorita` tax-Xandir ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat illi dan hu rikors tal-Appell li tressaq mis-soċjeta` appellanti Digi B Network Ltd. wara żewġ applikazzjonijiet li ressqet biex tmexxi stazzjon tar-radju diġitali. L-appell tressaq ai termini tal-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta) li jagħti dritt ta' Appell direttament lil din il-Qorti f'każ ta' lanjanza minn aġir jew nuqqas ta' aġir tal-Awtorita` intimata.

Din il-Qorti issollevat *ex officio* l-validita` ta' dan l-appell, u cioe`, jekk l-appell tressaqx fit-terminu li trid il-liġi.

L-avukati trattaw dan il-punt fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019.

Ikkonsidrat;

Illi l-Artikolu 11(3) tal-imsemmija liġi jgħid, fost affarijiet oħra, li jekk l-applikazzjoni għall-liċenzja tkun ilha pendenti għal mill-anqas erba' xhur, l-applikant jista' jappella kontra d-dewmien lil din il-Qorti skont il-proċeduri kontemplati fl-Artikolu 16(5)(6)(7)(9) u (10). Issa f'dan il-każ iż-żewġ applikazzjonijiet tressqu waħda f'Ġunju tas-sena 2018 u oħra fis-16 ta' Awwissu, 2018. Dawn l-applikazzjonijiet baqgħu mhux ipproċessati, u l-applikant baqa' ma ngħatax risposta jekk l-applikazzjonijiet tiegħu ġewx milqugħa jew le.

Dan ifisser li erba' xhur wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, skatta favur l-applikant id-dritt tal-appell li, skont l-Artikolu 16(5) tal-Att, kellu jiġi eżerċitat fi żmien ħmistax-il jum. Hu veru li dan is-subartikolu jgħid li l-15-il ġurnata jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita`, li f'dan il-każ ma kienx hemm għax ma kienx hemm deċiżjoni, pero`, abbinat mal-provvediment tal-Artikolu 11(3) imsemmi, dan l-artikolu bilfors irid jiftiehem illi f'każ ta' applikazzjoni pendenti għal tal-anqas erba' xhur, it-terminu ta' ħmistax-il jum jibda jiddekorri għeluq l-erba' xhur minn mindu tkun tressqet. Hu, għalhekk, li l-Artikolu 11(3) espressament jagħmel referenza għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16(5). Altrimenti jkun ifisser li applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tal-

appell li tagħtih il-liġi meta jrid għeluq erba' xhur mill-applikazzjoni, ħaġa li ma riedx il-leġislatur u, f'kull każ, ikun kunċett li jmur kontra l-ordni pubbliku li jrid li kwistjonijiet, anke mal-awtoritajiet governattivi, xi darba jingħalqu.

Issa, f'dan il-każ, l-aħħar applikazzjoni tressqet fis-16 ta' Awwissu, 2018, u din l-applikazzjoni kellha liġi pproċessata sas-16 ta' Diċembru, 2018. Minn dik id-data, darba li l-applikazzjoni baqgħet ma ġietx pproċessata, skatta ż-żmien ta' ħmistax-il jum għall-preżentata tal-appell. Dan l-appell, pero`, ġie preżentat oltre t-terminu previst, u fil-fatt tressaq fid-29 ta' Mejju, 2019.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tqis li dan l-appell ġie preżentat fuori termine u kwindi irritu u null.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell jitħallsu mis-soċjeta` appellanti Digi B Network Ltd.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm